MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 360/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Godwin Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Godwin Spiteri talli:

(1) nhar-il 5 ta’ Mejju 2008 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew/u akkwistati b’reat, u cioe` crane winch, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

(2) sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati

tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Godwin Spiteri hati ta’ l-ewwel imputazzjoni izda mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu u, wara li rat l-artikoli 334, 261, 267, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Godwin Spiteri pprezentat fit-2 ta’ Awissu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma nstabx hati tat-tieni imputazzjoni, izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn instab hati ta’ l-ewwel imputazzjoni, u konsegwentament tilliberah minn din l-imputazzjoni u l-konsegwenti htija u piena; alternattivament u biss f’kaz li din il-Qorti tichad l-aggravji ta’ l- appellant dwar is-sejbien ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar miti u idoneja;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fit-2 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha cahdet l-appell ta’ l-imsemmi Godwin Spiteri kontra d-dikjarazzjoni ta’ htija tieghu u kkonfermat is-sentenza appellata tal-21 ta’ Lulju 2010 f’dan ir-rigward, izda rrizervat li tipprovdi dwar il-piena wara li ssir it-trattazzjoni opportuna;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu ordnat li jithejja *pre-sentencing investigation report* dwar l-appellant;

Rat il-*pre-sentencing investigation report* imhejji mill-ufficjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rapport imhejji mill-ufficjal tal-*probation* dwar l-appellant. Minnu jirrizulta li l-appellant, fuq firxa wiesa ta’ snin, abbuza minn diversi sustanzi – l-ewwel mill-*cannabis*, imbaghad mill-alkohol, u wara mill-kokaina u l-eroina. Dan l-abbuz influwenza l-karattru u l-imgieba tieghu. Il-fedina penali tieghu jixhed proprju dan. Barra minn hekk jidher li ghad ghandu zewg kazijiet ohra pendenti quddiem il-Qrati taghna.

Din il-Qorti, pero`, ghandha quddiemha biss il-kaz odjern li kien kaz ta’ ricettazzjoni ta’ *winch* tal-valur – skond id-derubat – ta’ €698.81. Inoltre, skond ir-rapport imsemmi, l-appellant issottometta ruhu ghal testijiet ta’ l-urina li rrizultaw negattivi ghal sustanzi lleciti filwaqt illi qieghed jattendi regolarment sessjonijiet il-CARITAS bhala parti minn pjan biex izomm ‘il boghod mill-abbuz tad-droga. Skond l-istess rapport:

“… fil-kaz ta’ Godwin Spiteri jinhass il-bzonn li l-ikkoncernat jiffoka fuq l-element ta’ xoghol sabiex itejjeb il-kwalita` ta’ hajja li ghandu, filwaqt li jqatta’ l-hin tieghu b’mod aktar produttiv, kemm fi hdan il-familja kif ukoll bhala membru tas-socjeta`. Rigward il-problema tad-droga, f’dawn l-ahhar erba’ xhur jidher li l-ikkoncernat qed juri kambjament pozittiv u huwa rakkomandabbli li l-imputat ikompli jinghata l-gwida u l-ghajnuna necessarja li s’issa qed taghti l-frott taghha.”

F’dawn ic-cirkostanzi l-ufficjal tal-*probation* irrakkomanda li l-appellant jitqieghed taht Ordni ta’ *Probation* u Servizz sabiex, “huwa jaghti kumpens lis-socjeta` skond il-principji tal-gustizzja riparatrici kif ukoll ikollu l-gwida necessarja sabiex jikkonsolida l-progress tieghu.”

Mehud kollox in konsiderazzjoni, u partikolarment ic-cirkostanzi tal-kaz innifsu u l-motivazzjoni li jidher li fl-ahhar ghandu l-appellant sabiex ibiddel hajtu, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha takkolji r-rakkomandazzjonijiet ta’ l-ufficjal tal-*probation*. Fil-fatt Ordni ta’ *Probation* u Servizz ghandu bosta vantaggi, fosthom li jkun hemm supervizjoni

minn ufficjal tal-*probation*, filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu u jitghallem japprezza li hadd ma jista' jikser il-ligi b'impunita`. Fil-kaz ta' l-appellant ukoll dan l-Ordni jippermetti li jsiru kondizzjonijiet ohra specifici ntizi biex jibqa' mbieghed mill-abbuz tad-droga. **Naturalment l-appellant qieghed jinghata avvertiment car li jekk, bl-icken mod, huwa jikser xi wahda mill-kondizzjonijiet li ser jinghatawlu, imbaghad ikollu jiffaccja r-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti.**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu gie kkundannat ghal prigunerija ghal perijodu ta' sitt xhur u minflok, a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 446, tordna li l-imsemmi Godwin Spiteri jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal sentejn millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn anness. Dan l-Ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-Ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------